# SA NSIEFER

Ta' Mikiel Agius

Naf, li rrid jew ma rridx, sa jkolli nsiefer:
'ma ma nafx meta, fejn u kif sa mmur ......
Naf li sa jkolli nħalli din l-art żgur.

Dan biss naf, għax ix-xlief ma hux f'idejja,
'ma f'idejn wieħed l'hu bil-wisq setgħan ......
u jkolli noqgħod, ħej, għalli jrid dan.

X'nagħmel? Inhejji ruħi għal dal-vjaġġ?
Jew aħjar li ma nħabbel moħħi xejn?
X'nagħmel? ...... Kieku ma rridx inħalli dejn!

Ninħtieġ li nieħu miegħi l-ġid u l-għana?
Dal-ħsieb biss li jħassibni u jbeżżagħni!
'Ma jekk neħodhom miegħi, dan jaqlagħni?

Terġa' t-toqol ta' dawn sa jkun tqil ħafna ......
Jgħidu li fejn sa mmur ma jiswewx dawn ......
Jaqbilli mela li nħallihom hawn!

Nista' nieħu hemm miegħi l-għeżież tiegħi?
Jew waħdi jkolli mmur mingħajr ma rrid?
X'sa nagħmel sew? ...... Kif sa nħoll dat-taqsit?

Wara kollox, għalfejn lil moħħi nħabbel,
Jien naf żgur illi fejn sejjer immur
kulħadd irid imur, fqir u sinjur?

Jgħidu li hemm, hemm żmien t'għaml'oħra, ġdid.
Dan kif jitqassam? f'xhur, fi snin, u f'jiem
bħal t'hawn? ...... Qaluli t'hemm jissejjaħ dwiem.

Smajt ukoll li hemm għandhom ilsien ġdid
l'hawn ħadd ma jafu ...... Min sa jurihuli?
...... Mhux li' kien xi flien jafu u jgħallimhuli?

Naf li sa jkolli nitlaq ħin bla waqt!
Mela nithejja sew, b'kemm għandi ħila,
b'dak kollu li ninħtieġ għal dit-triq twila.

U biex dis-safra nħossha ftit ħafifa
nfittex neħles mid-dejn li jien fgat bih
u hekk ruħi ssib is-sliem w anki l-mistrieħ!